IV

(Informazzjoni)

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

IL-KUNSILL

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tal-24 ta' Lulju 2012

li tadotta l-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ta' baġit tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2013

(2012/C 234/06)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 314(3) tiegħu, flimkien mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika u b'mod partikolari l-Artikolu 106a tiegħu,

Billi:

(1) fil-25 ta' Mejju 2012, il-Kummissjoni ppreżentat proposta li fiha l-abbozz tal-baġit għas-sena finanzjarja 2013 [1],

(2) il-Kunsill eżamina l-proposta tal-Kummissjoni bil-ħsieb li tiġi ddefinita pożizzjoni konsistenti, fuq in-naħa tad-dħul, mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/436/KE, Euratom tas-7 ta' Ġunju 2007 dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Komunitajiet Ewropej [2], u fuq in-naħa tal-infiq, mal-Parti I tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba [3], li, fin-nuqqas ta' qafas finanzjarju multiannwali stabbilit skont l-Artikolu 312 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, jikkostitiwixxi l-istrument attwali applikabbli tad-dixxipplina baġitarja,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu Uniku

Il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ta' baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2013 ġiet adottata mill-Kunsill fl-24 ta' Lulju 2012.

Jista' jinkiseb aċċess għat-test sħiħ għall-konsultazzjoni jew it-tniżżil minn fuq il-websajt tal-Kunsill: http://www.consilium.europa.eu/

Magħmul fi Brussell, l-24 ta' Lulju 2012.

Għall-Kunsill

Il-President

A. D. MAVROYIANNIS

---

[1] COM(2012) 300.
[2] ĠU L 163, 23.6.2007, p. 17.
[3] ĠU L 347, 24.12.2009, p. 26.